MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1206/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833).

Vs

Ivan Bajada (Id. 381275M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija, disa u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€839.13) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Lulju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv, minghand il-konvenut, bhala bilanc ghad-debitu fil-loan account tieghu mal-bank attur, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 2009. U peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ tmien mija, disa u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€839.13), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------